MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Talba Numru. 70/2010

**Allcare Insurance Limited C-8185**

**vs**

**Anton Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis- 26 ta' Jannar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tliet mija u sebgha u erbghin ewro u tlettax-il centezmu (€1,347.13c) rapprezentanti hlas dovut fuq poloz ta' assikurazzjoni maghmula ghan-nom ta' l-istess konvenut u mhallsa minn l-under writer ghan-nom tal-konvenut mis-socjeta` attrici

Bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-imghax bir-rata ta' ghaxra punt hamsa fil-mija *per annum* skont is-subtitolu

1(a) tal-Kodici tal-Kummerc mid-data ta' l-istanti sal-hlas effettiv.

Ra illi ghalkemm l-konvenut kien gie debitament notifikat, huwa baqa' ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema' lil Stephen Muscat jixhed li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut peress illi ma sar l-ebda pagament fil-mori ta' dawn il-proceduri

Ra illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elf tliet mija u sebgha u erbghin ewro u tlettax-il centezmu (€1,347.13c) bl-imghax legali kif mitlub mid-data tal-prezentata ta' l-ojdern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------